MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1482/2003

**Frederick Testa**

**Vs**

**Rita Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni wara incident tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn qalet li ma kienetx responsabbli ghal incident.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Il-pulizija li nvestiga l-incident kiteb fir-Road Accident Report li wara l-incident l-attur qal: "Jiena kont niezel u sibtha ma' wicci".
Il-konvenuta qalet: "Jien kont hierga mit-triq u sibtu ma' wicci".

Meta xehed l-attur qal li kif kien se jidhol fi Triq Sir Luigi Camilleri sab lill-konvenuta ma' wiccu. L-attur qal li ma kienx hemm karozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu. L-attur qal li d-danni li qieghed jippretendi jammontaw ghal Lm439.10c (erba' mija u disgha u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi).

Mistoqsi fil-kontro-ezami biex jghid x'ghamel meta kien fi Triq Taz-Zwejt sakemm hareg ghal Triq Sir Luigi Camilleri l-attur qal li: "Kont gej minn Taz-Zwejt u dhalt go Triq Sir Luigi Camilleri".

Hu ra lill-konvenuta meta kien ghadu fil-kantuniera bejn Triq Taz-Zwejt u Triq Sir Luigi Camilleri.

Il-konvenuta qalet li kienet qeghda ssuq fi Triq Sir Luigi Camilleri meta f'daqqa l-attur hareg mill-kantuniera u baqa' gej fuqha. L-konvenuta qalet li dak il-hin tal-incident l-attur kien qed jitkellem fuq il-mobile.

L-attur kellu l-obbligu li qabel ma hareg fi Triq Sir Luigi Camilleri jara xi traffiku hemm f'dik it-triq. (Ara Attard Vs Zammit 16/4/1993 PA u Bianchi noe Vs Patinott 18/5/1995 PA). Fil-kawza Fogg Vs Vella (Appell Civili 19/11/2001) intqal:

"Kien ghall-kuntrarju qieghed jaghmel manuvra li kienet tirrikjedi attenzjoni massima, dik cioe' li minn triq laterali, meta wasal fl-inkrocju, jidhol ghal go triq fuq ix-xellug tieghu. R-Regolamenti jimponu fuq illi mhux biss jieqaf assolutament fil-bokka ta' l-inkrocju, imma wkoll li jassikura ruhu li ma jirfisx fuqu qabel ma jkun cert li ma jkunx riesaq traffiku lejh miz-zewg direzzjonijiet fuq it-triq fejn xtaq jirfes".

Il-Qorti ziedet: "Hi zbaljata l-affermanzzjoni…..li l-fatt biss li sewwieq ikun qieghed issuq fuq in-naha l-hazina tat-triq, kien prova konkluzziva tal-htija tieghu ghas-sinistru. L-principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza hu propju l-kontra. L-utent tat-triq setgha jutilizza t-triq kollha sakemm dan ma kienx jikkostitwixxi perikolu ghall-utenti l-

ohra ta' dik it-triq, u dana sakemm dak is-sewqan ikun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi".

It-Tribunal jikkonkludi li l-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li l-attur saq wara li lahaq l-inkrocju minghajr ma ra l-vettura tal-konvenuta. L-incident gara tort tal-attur.

Ghaldaqstant, jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------